MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 89/2008

**Talba Nru: 89/08 PBC**

**Turista Limited – C 3428**

**-vs-**

**Farstone Construction & Restoration Limited – C 30589**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf, tlett mija u erbgha u sittin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,364.73) – (Lm585.88c) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' *fuel* mibjugh u kkonsenjat lis-socjetà konvenuta li baqa' ma thallasx. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed

jigi pprezentat kontestwalment u dak tal-ittra nterpellatorja datata 28 ta’ Dicembru, 2007 u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta’ pagament effettiv kontra l-istess socjetà konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t’elf, tlett mija u erbgha u sittin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,364.73) – (Lm585.88c), bl-imghax mid-data ta’ notifika tal-Avviz.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------